MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 147/2007

Anna Mallia, Marco Psaila u martu Cheryl Psaila, Romeo Psaila u martu Maria Teresa sive Marthese Psaila, Joseph Sammut u martu Sonia Sammut, Joe Agius u martu Mary Agius
vs
Kevin Farrugia u martu Carmen Farrugia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti Anna Mallia hija proprjetarja tal-fond li jinsab f'St. Paul's Towers Flat 5 Church Street San Pawl il-Bahar;

2. Illi r-rikorrenti l-ohra Marco Psaila u martu Cheryl Psaila huma proprjetarji tal-fond li jinsab f'St. Paul's Towers Flat 12, Church Street San Pawl il-Bahar;

3. Illi r-rikorrenti l-ohra Romeo Psaila u martu Maria Teresa sive Marthese Psaila huma proprjetarji tal-fond li jinsab f'St. Paul's Towers Flat 6, Church Street San Pawl il-Bahar;

4. Illi r-rikorrenti l-ohra Joseph Sammut u martu Sonia Sammut huma proprjetarji tal-fond li jinsab f'St. Paul's Towers Flat 13, Church Street San Pawl il-Bahar;

5. Illi r-rikorrenti l-ohra Joe Agius u martu Mary Agius huma proprjetarji tal-fond li jinsab f'St. Paul's Towers Flat 14, Church Street San Pawl il-Bahar;

6. Illi r-rikorrenti kollha kienu xtraw il-proprjeta` hawn fuq imsemmija bid-dritt ta' access ghal bejt;

7. Illi r-rikorrenti kollha meta xtraw il-proprjeta` kienu gew murija c-cavetta tal-bejt fit-tieqa tal-engine room tal-lift u kienu assigurati li c-cavetta tkun dejjem fit-tieqa sabiex huma jkunu jistghu jaccedu ghal fuq il-bejt;

8. Illi sussegwentement l-intimati xtraw il-penthouse li tinsab fl-istess blokk ta' appartamenti u li jinsab f'St. Paul's Towers Flat 17 Church Street San Pawl il-Bahar izda minkejja kull oppozizzjoni huma bidlu c-cavetta tal-bieb li jaghti ghall-bejt u ddecidew li jnehhuha mill-post fejn kienet u jehduha huma u taw kopja tac-cavetta lil John Gatt u lil George Farrugia meta dawn ma kellhom ebda inkarigu mir-rikorrenti li jaghmlu dan;

9. Illi r-rikorrenti kienu gew infurmati b'dan b'ittra tat-8 ta' Dicembru 2006 minn George Farrugia;

10. Illi ghalhekk issa r-rikorrenti biex jeccedu ghal bejt kien ikollhom jitolbu c-cavetta minghand l-intimati jew minghand John Gatt jew minghand George Farrugia meta dawn tal-ahhar jmorru ghas-sajf biss.

11. Illi l-agir tal-intimati jew min minnhom jammonta ghall-kommissjoni ta' spoll da parti taghhom fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li r-rikorrenti gew molestati fil-

pussess, tgawdija u detenzjoni tac-cavetta li taghti ghal access tal-bejt.

12. Illi l-intimati jew min minnhom huma determinati li jkomplu jzommu c-cavetta u ma jaghmlux kopja taghha fit-tieqa tal-engine room kif kienet qabel u ma riedux ghalhekk jirripristinaw is-sitwazzjoni ghall-istatus quo ante.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

a) Tiddikjara li bl-agir taghhom kif fuq spjegat l-intimati kkommettew spoll di fronte tar-rikorrenti u dan ai termini tal-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristinaw is-sitwazzjoni ghal status quo ante u jreggghu kollox ghal li kien billi inter alia jqeghdu kopja tac-cavetta fit-tieqa tal-engine room tal-lift fejn kienet.

c) Fin-nuqqas li l-intimati jew minn minnhom jaghmel dak illi ordnat ir-rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu dak kollu neccessarju sabiex ibiddlu s-serratura tal-bibien tal-bejt u jqeghdu kopja tac-cavetta l-gdida fil-post fejn din dejjem kienet u cioe` fit-tieqa tal-engine room tal-lift u dan a spejjez ta’ l-istess intimati taht is-supervizjoni tal-perit nominat mill-Qorti, jekk ikun il-kaz.

d) F’kaz li r-rikorrenti jaghmlu x-xogholijiet huma kif jinghad fit-talba numru (c), tikkundanna lill-intimati sabiex solidament u indivizament bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha inkorsi, wara li jigu certifikati mill-perit mahtur mill-Qorti kif fuq mitlub u jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni b’riserva ghall-prezentata tal-kuntratti tal-akkwisti fil-mori tal-kawza u b’riserva ghall-azzjoni ghad-danni kontra l-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-16 ta' Marzu 2007 giet prezentata nota ta' ammissjoni tal-intimati Kevin u Carmen konjugi Farrugia.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi fuq ammissjoni t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u l-Qorti ghalhekk qed tilqaghhom filwaqt li tiddikjara li bl-agir taghhom kif fuq spjegat l-intimati kkommettew spoll ***di fronte*** tar-rikorrenti u dan ai termini tal-artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex fi zmien hmistax (15)-il gurnata jirripristinaw is-sitwazzjoni ghal ***status quo*** ante u jreggghu kollox ghal li kien billi inter alia jqeghdu kopja tac-cavetta fit-tieqa tal-engine room tal-***lift*** fejn kienet.

Fin-nuqqas li l-intimati jew minn minnhom jaghmel dak ordnat ir-rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu dak kollu neccessarju sabiex ibiddlu s-serratura tal-bibien tal-bejt u jqeghdu kopja tac-cavetta l-gdida fil-post fejn din dejjem kienet u cioe` fit-tieqa tal-***engine room*** tal-***lift*** u dan a spejjez ta' l-istess intimati taht is-supervizjoni ta' perit li jigi nominat mill-Qorti fuq rikors appozitu.

F'kaz li r-rikorrenti jaghmlu x-xogholijiet huma kif jinghad fit-talba numru (c), tikkundanna lill-intimati sabiex solidament u indivizament bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha inkorsi, wara li jigu certifikati mill-perit mahtur mill-Qorti kif fuq mitlub u jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------